KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

**Ref: Seduta 03Ad hoc_4/08/09 VI**

## MINUTI TAT-TIELET (AD HOC) SEDUTA

**It-tielet seduta** (Ad hoc) tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet it-Tlieta 4 **ta' Awwissu, 2009** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Nikki Dimech** |
| **Viċi Sindku** | **Johanna Gonzi** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Yves (Bobby) Cali**<br>**Sandra Camilleri**<br>**Edward Cuschieri**<br>**Martin Debono**<br>**Cyrus Engerer**<br>**Julian Galea**<br>**Nicolai Gauci**<br>**Patrick Pace** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech**<br>**Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fl-16:15 b'din l-agenda:

1. Deċiżjoni mil-kunsill dwar update ta' EIS tal-Proġett ta' Tigne (MIDI) PA 00621/05
2. Applikazzjoni PA 05281/08 dwar bankina fix-Xatt ta' Tigne
3. Applikazzjoni PA 05280/08 dwar bankina fix-Xatt
4. Informazzjoni dwar it-tender ta' *road resurfacing*

### 1. Deċiżjoni mil-kunsill dwar update ta' EIS tal-Proġett ta' Tigne (MIDI) PA 00621/05

Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-minuti tal-laqgħa li saret il-MEPA fit-23 ta' Lulju, 2009 kif ukoll il-laqgħa li saret mas-sotto kumitat ta' l-Ambjent nhar is-27 ta' Lulju, 2009 fejn spjega l-punti li ġew diskussi. Kopja ta' dawn il-minuti kienu ntbagħtu lill-kunsilliera kollha. Irriżulta li l-kunsill irid jiddeċiedi dwar it-torri T20 għandux jinbiddel minn lukanda għal bini residenzjali, kif ukoll dwar il-bidla proposta tat-torrijiet tat-T17 u T14 u l-*visual impact*.



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com